MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 133/2014

**A B**

**vs**

**C D u b'digriet tas-16 ta' Settembru 2014 C D giet nominata bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri Z S, X S u Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-konvenuta C D kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor X S liema relazzjoni llum spiccat. Illi waqt din ir-relazzjoni l-konvenuta C D kellha relazzjoni ohra mal-attur. Illi nhar 24 ta' Frar, 2014 twieldet il-minuri Z S u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid tal-minuri bin-numru ta' iskrizzjoni 912/2014 li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok LS 1';
2. Illi minkejja li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z S li ghandu numru ta' inskrizzjoni 912/2014, gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa X S, fil-verita' l-minuri twieldet minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-attur A B;
3. Illi minkejja li l-konvenut X S kien jaf illi l-minuri Z mhix bintu huwa xorta ghamel dikjarazzjoni falza u dan minghajr ebda raguni valida fil-Ligi;
4. Illi ghalhekk l-attur ghandu interess sabiex tigi dikjarata l-paternita reali tal-minuri Z S filwaqt li huwa ukoll fl-ahjar interess tal-minuri Z illi tigi stabbilita il-paternita reali ta' missierha u li din tigi riflessa fic-certifikat tat-twelid tal-minuri;
5. Illi l-imsemmija paternita tal-minuri Z S ser tigi ppruvata u determinata permezz ta' provi genetici hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok LS 2';
6. Illi ghalhekk jehtieg li jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid ta' Z S, li ghandu numru t'iskrizzjoni 912/2014;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri Z S mhix il-wild naturali tal-konvenut X S;
2. Tiddikjara illi l-minuri Z S hija fil-fatt il-wild naturali tal-attur A B;
3. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z S li huwa iskritt bin-numru 912/2014 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-prezent jindika "X S" jigu inseriti l-konnotati tal-attur rikorrenti A B, u cioe' isem u kunjom l-attur rikorrenti, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-attur rikorrenti kif ukoll isem u kunjom il-missier l-attur rikorrenti, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u susegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti taqbel mal-pretensjonijiet tar-rikorrent;
2. Illi ma topponix ghat-talbiet kontenuti fir-rikors odjern;
3. Illi l-esponenti ghar-raguni li ser issemmi waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza m'ghandix tbati l-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament jiġi relevat li għalkemm jidher li saru t-testijiet ġenetiċi, fuq il-minuri Z S u r-rikorrent A B fit-23 ta' April 2014, skond kif hemm elenkat fil-lista tad-dokumenti bħala DOK "LS2" fir-rikors ġuramentat ippreżentat mir-rikorrenti stess, l-esponent għadu ma' ġiex notifikat b'dan id-dokument u allura jirriżerva li jeċċepixxi ulterjorment fuq dan il-punt jekk ikun il-każ hekk kif jigi notifikat bl-istess.

2. Illi dejjem in vena preliminari, l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri Z S, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni k-konvenuta f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-

mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri Z S, kienet wettqet adulterju ma’ l-attur A B u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-A B bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri Z S, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal-premess, il-konvenuta trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri Z S ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu bin-numru ta’ iskrizzjoni 912 tas-sena 2014;

5. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jistieden lill-istess A B sabiex permezz ta’ nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri Z S, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta’ residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla Z Deboni. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita Z S;

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għalhekk huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita’ ta’ Z S *stante* li r-rikorrent jikkontendi li frott tar-relazzjoni li kellu mal-intimata C D, nhar l-24 ta’ Frar 2014[1] twieldet l-imsemmija minuri. Ic-certifikat tal-istess minuri jindika pero’ li l-missier huwa l-intimat l-iehor X S.

Min-naha taghha, l-intimata, taqbel mal-pretensjonijiet tar-rikorrent u ghalhekk ma topponix ghat-talbiet tieghu izda tghid li m’ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza.

Min-naha tieghu, l-intimat X S ma jipprezenta ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f’dawn il-proceduri.

**<u>Il-Verzjoni tar-Rikorrent</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[2], r-rikorrent jispjega li beda jkellem lill-intimata C D f’April 2013 fuq l-*internet* b’dan li ddecidew li jiltaqghu. Ir-relazzjoni taghhom kienet wahda qasira ferm ta’ gimghatejn, izda l-intimata harget tqila. Meta qaltlu, r-risposta tieghu kienet dik li jekk jirrizulta li t-tarbija kienet tieghu kien ser jassumi r-responsabbilita’ kollha. Jghid li kien ipprova jaghmel kuntatt ma’ C permezz ta’ huha, izda minflok kien kellmu l-intimat l-iehor X S fejn beda joffendih. Kien biss wara li twieldet il-minuri li C ghamlet kuntatt mieghu u qaltlu ‘prosit kellek tifla’. Jghid li saru arrangamenti sabiex ir-rikorrent jara lill-minuri

[1] Esebit a fol 4 tal-process
[2] Esebit a fol 46 tal-process

(anke ghaliex ohtha sostniet li ma kien hemm ebda dubju li l-minuri kienet bintu), b'dan li kellu jmur jaraha ghand oht l-intimata peress li ma riditx turi lill-intimat X S li kien ser jara lill-istess minuri. Ir-rikorrent jghid li l-minuri giet registrata f'isem X S bl-iskop li jigi nnegat minn bintu.

L-intimata C u r-rikorrent marru regghu bdew johrogu flimkien wara li ntemmet ir-relazzjoni li hi kellha mal-intimat X S, izda r-relazzjoni taghhom regghet intemmet. Minn mindu spiccat din ir-relazzjoni, r-rikorrent ma baqax jara lill-minuri (ad eccezzjoni ta' nofs siegha li grat f'gurnata partikolari) u dan ghaliex missier l-intimata ried li hu jhallas is-somma ta' mija u ghoxrin Euro (€120) fil-gimgha bhala manteniment ghall-istess minuri.

Ir-rikorrent jispjega li minkejja li l-intimata tammetti t-talbiet u minkejja d-DNA li jikkonferma l-paternita' tal-istess minuri, qed jigi mcahhad minn granet specjali bhal ma huma l-maghmudija, Milied u festi ohra.

**Il-Verzjoni tal-Intimata**

Permezz tal-affidavit taghha[3], l-intimata tghid li kellha relazzjoni ta' erba' (4) snin mal-intimat X S izda meta kienu hassru ghal perjodu ta' xahar, kienet harget mar-rikorrent ghal xi perjodu zghir ta' ftit gimghat. Wara dawn il-gimghat regghet bdiet ir-relazzjoni taghha ma' X, izda meta ndunat li kienet harget tqila ma kienitx taf ta' min hi t-tarbija peress li fl-istess xahar kellha relazzjonijiet intimi kemm mar-rikorrent kif ukoll mal-intimat X qabel ma kienu hassru. Tghid li meta kkomunikat mar-rikorrent, cahad li hu missier il-minuri u b'hekk mat-twelid il-minuri giet registrata fuq X S bhala l-missier.

Tghid li kien biss meta t-tifla bdiet titfarfar li waslet ghall-konkluzjoni li l-minuri hija bint ir-rikorrent ghaliex tixbhu hafna. Tikkonferma li r-

[3] Esebit a fol 57 tal-process

relazzjoni taghha u tar-rikorrent kienet regghet bdiet izda wara ftit spiccat minhabba glied fuq it-tifel taghha li ghandha ma' X S. Tghid li t-testijiet tad-DNA saru meta nfethet il-kawza odjerna. Taghlaq billi tghid li qed topponi ghall-ispejjez tal-kawza ghaliex meta giet biex tirregistra t-tarbija lkoll kienu ghadhom bid-dubju dwar min verament kien missier it-tarbija.

**Il-Mertu tal-Kaz Odjern**

Il-Qorti tirrileva li hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens li r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri Z. Apparti tali dikjarazzjonijiet (kemm permezz tal-affidavit tal-istess rikorrent[4] kif ukoll tar-risposta guramentata tal-intimata), konferma ta' dan huma t-testijiet genetici li gew prezentati fil-mori tal-kawza li jkomplu jikkonfermaw dan u li naturalment ma jhallu ebda dubju dwar il-paternita' tal-minuri. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li t-testijiet genetici huma l-prova regina f'kazijiet simili ghal dak odjern u ghalhekk m'hemmx lok li dawn jigu diskussi.

Jidher li l-kontestazzjoni da parti tal-intimata f'dan l-istadju huwa l-kap tal-ispejjez. Tikkontendi li gialadarba kien hemm dubju, m'ghandhiex tiġi kkundannata thallas l-ispejjez, pero' l-Qorti tara li fiz-zmien tar-registrazzjoni tat-tarbija, l-intimata kienet f'relazzjoni mal-intimat X S (u dan tikkonfermah hi stess). Tikkonferma wkoll li kellha dubju dwar il-paternita' tal-istess tarbija u ghalhekk jekk kellha d-dubju missha l-ewwel ghamlet it-testijiet necessarji imbaghad irregistrat it-tarbija. Il-Qorti taghti kredibilita' lix-xiehda tar-rikorrent, fis-sens li hu gie eskluz minn din il-kwistjoni tar-registrazzjoni u ghalhekk ma kellu ebda mod sabiex iwaqqaf tali registrazzjoni. Id-decizjoni li l-minuri tigi registrata fuq l-intimat X S ttiehdet mill-istess imsemmi X S u mill-intimata C D u ghalhekk ghandhom jassumu r-responsabbilita' ta' tali decizjoni meta kienu jafu bil-possibilita' li l-istess minuri setghet ma kienitx il-bint naturali tal-intimat X S.

---

[4] Esebit a fol 8 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-minuri Z S m’hijiex il-wild naturali tal-intimat X S;
(2) Tiddikjara li l-minuri Z S hija l-wild naturali ta’ A B;
(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri Z bin-numru ta’ iskrizzjoni 912 tas-sena 2014, jikkancella d-dettalji u l-konnotati relattivi ghall-missier fejn prezentement hemm indikat l-intimat X S u minflok jissostitwihom bid-dettalji u l-konnotati ta’ A B li huma s-segwenti:
Karta tal-identita’ numru 338391M

Post tat-twelid: Pieta’

Iben William B (ħaj).

Post tar-residenza fiz-zmien li twieldet il-minuri: Mosta

Eta’ fiż-żmien li twieldet il-minuri: 22.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C D u X S fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------